FIT-TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR: DR JOSEPH REFALO LL.D. Adv.Trib.Eccl.Melit,

## Seduta ta' nhar it-Tlieta, 16 ta' Ottubru, 2001

**Numru 14**

**Avviz. numru 653/01JR**

**Malitraco Limited u Alfred Gatt ghan-nom u in rapprezentanza tad-ditta "Alf. Gatt Autoparts"**

**vs**

**Evan Mamo**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fis-7 ta' Awissu, 2001, fejn intalab il-hlas ta' sitt mija u hamsa u disghin lira Maltija sitta u sebghin centezmu (Lm695.76), bilanc pendenti in konnessjoni ma' bejgh ta' merkanzija lilu skond ftehim li kopji tieghu huma esebiti mal-avviz u mmarkati Dok."A" sa "H", u dan skond kif jirrizulta mill-prospett esebit u mmarkat Dok."L";

Bl-ispejjez tal-prezenti, ta' l-ittra interpellatorja datata 20 ta' Marzu, 2001, u ta' l-ittra ufficjali datata 24 t'April, 2001 debitament notifikati (kopji annessi u

**mmarkati rispettivament Dok."M" u "N"), u bl-imghaxijiet mid-dati tal-hrug tal-fatturi rispettivi sad-data tal-pagament effettiv, ilkoll kontra l-konvenut ngunt ghas-subizzjoni.**

**Ra li l-konvenut debitament notifikat baqa' ma deherx u lanqas ma pprezenta risposta.**

**Semgha x-xhieda ta' Dr. Luigi Sansone ghas-socjeta` attrici li kkonferma li l-ammont mitlub ghadu dovut.**

**Ghaldaqstant, peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata u wara li ra l-Artikolu 13(b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba attrici u jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-atturi l-ammont ta' sitt mija u hamsa u disghin lira Maltija sitta u sebghin centezmu (Lm695.76),  bl-imghaxijiet legali mill-5 ta' Ottubru, 2000, sal-jum tal-hlas effettiv.**

**L-ispejjez ta' dina l-istanza, inkluzi dawk  ta' l-ittra interpellatorja datata 20 ta' Marzu, 2001, u ta' l-ittra ufficjali datata 24 t'April, 2001, ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut.**

**Dr Joseph Refalo**
**GUDIKATUR**